UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

**Media Statement**

**Ir-Riżultati tal-Eżamijiet tal-MATSEC ġew ippubblikati fil-Ħin anke din is-Sena**

**Sessjoni ta' Settembru 2016**

Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC ħabbar li d-data ppjanata (li hija l-aħħar ġimgħa ta' Settembru) giet milħuqa għal darb'oħra b'mod konsistenti mis-sena 1994. Ir-riżultati tal-MC inħarġu llum, mentri l-bieraħ inħarġu r-riżultati taċ-ĊES.

F'Malta, l-eżami riparatorju ta' Settembru għaċ-ĊES jagħti lill-istudenti opportunità oħra sabiex jiksbu riżultati mixtieqa. L-applikanti għall-Eżami tal-Matrikola jkollhom l-opportunità ukoll li jtejbu r-riżultati tagħhom u jikkwalifikaw għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Dawn l-opportunitajiet huma offruti biss sitt ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tar-riżultati tas-sessjoni ta' Mejju / Ġunju li joħorġu f'nofs Lulju.

L-Applikanti li għadhom kemm irċevew ir-riżultati tal-eżamijiet tal-Matrikola issa f'Settembru huma magħrrfa, li f'każ ta' riżultati mixtieqa li jikkwalifikawhom għall-kors tal-għażla tagħhom, jistgħu jattendu kemm għal-lekċers kif ukoll għaċ-Ċerimonja tal-Ftuħ li ser issir nhar it-3 ta' Ottubru, anke qabel ma jirċievu l-ittra ta' aċċettazzjoni.

Matul is-snin, iż-żieda sinifikanti fil-kandidati u l-bidliet fir-regolamenti poġġew id-dipartiment tal-MATSEC taħt skadenzi stretti ħafna.

Qrib 5000 student applika għall-eżamijiet tal-Matrikola f'Settembru ta' din is-sena f'total ta' 60 suġġett. Minħabba l-bidla fir-regolamenti fl-2012, in-numru ta' kandidati tal-Matrikola kiber bi tliet darbiet, minn madwar 1000 għal kważi 3000 fl-2016.

L-aħħar eżamijiet bil-kitba saru fil-5 ta' Settembru, filwaqt li l-eżamijiet orali kienu skedati sat-13 ta' Settembru. Din is-sitwazzjoni ħalliet biss 14–il ġurnata ċans għall-immarkar, iċċekkjar u l-ipproċessar li fl-aħħar iwassal għall-pubblikazzjoni tar-riżultati.

Informazzjoni dwar il-ċerimonja tal-ftuħ jistgħu jiġu aċċessati fuq:
www.um.edu.mt/freshersweek2016

*Marketing, Communications & Alumni Relations Office*

*27.09.2016*